Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 12**
**It-Tnejn 27 ta'April 2020**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' online minhabba is-sitwazzjoni Covid 19 fil-5:30pm .

## PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai : Sindku
Romina Galea : Viċi Sindku
Jean Claude Borg : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Charles Selvaggi : Kunsillier
Alfred Farrugia : Kunsillier
Maurice Agius : Kunsillier
Judy Sciberras : Kunsillier
Emanuel Brincat : Kunsillier

## ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

## ASSENTI

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella : Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

### 12.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;

12.1.01 Il-Kunsilliera kienu kollha preżenti online.

### 12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

12.2.01 Il-Minuti ta'Seduta L8-11 ittieħdu bħala moqrija
Il-minuti ġew approvati unanimament.

### 12.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

12.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai spjegat kif se tkun faċilitata din is-seduta li minħabba l-Covid 19 qed tinżamm online. Is-Segretarju Eżekuttiv qed jieħu ħsieb żżomm lill-Kunsill infurmat bl-iżvilupp jew aġġornament relatat mal- minuti tal-ahhar seduta li bagħat anness flimkien ma' dokumenti oħra. Dawn se jittieħdu bħala moqrija fejn jista' jiżdied ukoll magħhom xi mistoqsija addizzjonali fuq is-suġġett relatat.

12.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai spjegat li minħabba iċ-ċirkostanzi ta'Covid 19 hemm bosta affarijiet sospiżi u ma'kienx qed ikun hemm laqgħat jew komunikazzjonijiet relatati. Hawn kompliet tispjega li dawk iċ-ċirkulari ta'interess għal xi responsabiltà jew għal kunsill xorta għadhom qed jiġu mgħoddija lill kulħadd.

### 12.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

12.4.01 B'referenza għall-minuti 10.3.02 is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill Kunsilliera online dwar l-akkwist ta' fond go Triq il-Kunċizzjoni ma kienx hemm żvilupp minħabba is-sitwazzjoni Covid 19.

12.4.02 B'referenza għall-minuti 10.3.03 is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill Kunsilliera online dwar talba għall- bankina quddiem il-bieb fil-ġenb tal-Guest House go Triq Robert Naudi ma'kienx hemm żviluppi.

Is-Sur Charles Selvaggi qal li din kienet għada qed tiġi diskussa iżda ma' kienx hemm deċiżjoni peress li dan huwa bieb għas-servizzi ta'guest house jifhem wkoll li jekk jipparkjaw eżatt ma'targa tal-bieb dan ma jkunx jista' joħroġ l-affarijiet.

Is-Sur Maurice Agius qal li jekk ssir kollha bankina se jintilef aktar parkeġġ u ppropona li din għanda tkun biċċa żgħira daqs quddiem il-bieb u li għanda tintuża kif suppost u mhux biex jinżamm l-skart barra.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai s-sekondat u Il-kunsilliera u qablu unanimament li ssir biċċa żgħira quddiem il-bieb.

12.4.03 B'referenza għall-minuti 10.3.04 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill Kunsilliera online dwar is-smiegħ fuq l'oġġezzjoni għal żvilupp PA/09347/19 saret online iżda id-dettalji mill -PA għall- aċċess daħlu fl-stess ġurnata fejn ma kienx possibbli tidhol fil-ħin u tagħraf x kien għaddej tul il-laqgħa.

12.4.04 B'referenza għall-minuti 10.3.06 is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil Kunsilliera online dwar it-taħriġ ta' First Aid organizzati mill-FSWS ġol binja tal-kunsill f'Ġunju huwa temporanjament sospiż minħabba is-sitwazzjoni Covid 19 .

12.4.05 B'referenza għall-minuti 10.3.08 is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill Kunsilliera online li ġew ordnati t-tabelli edukattivi tal-iskart li jinkludi il-karattru ta'Misidu u li ġa waslu l-ewwel 100 u se jsir programm biex dawn jibdew jeħlu.

12.4.06 B'referenza għall-minuti 10.3.09 is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil Kunsilliera online dwar il-festival tal-kuluri go Misraħ San Guzepp ġie mħassar minħabba is-sitwazzjoni Covid 19.

12.4.07 B'referenza għall-minuti 10.3.10 is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil Kunsilliera online li għad ma'hemmx dettalji f'hiex waslet l-applikazzjoni ta' team tal-cricket biex jirreġistra mal-Malta Cricket Association bl-isem L-Imsida.

12.4.08 B'referenza għall-minuti 10.4.02 is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil Kunsilliera online dwar il-proġett ta' CSR Malta Association għal mument huwa wieqaf minħabba iċ-ċirkustanzi Covid 19.

12.4.09 B'referenza għall-minuti 10.4.07 is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil Kunsilliera online dwar talba għall spjegazzjoni aktar fid-dettal għalfejn l-Għajn tal-Ħasselin ma ntgħażilx għall skema ta'restawr ma kienx hemm risposta għaliha.

12.4.10 B'referenza għall-minuti 10.4.09 is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil Kunsilliera online dwar l-attività għat-tħawwil ta' pjanti indiġeni minflok siġar u pjanti ta'natura invażiva kienet se ssir fid-19 ta'Marzu go Ċirku Msida iżda ġiet mħassar minħabba ċirkostanza Covid 19

12.4.11 B'referenza għall-minuti 10.4.10 is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill Kunsilliera online dwar is-servizzi Tuk Tuk estiżi wkoll għal-klinika F' tal-Pietà għadu ma sarx kuntatt minħabba ċirkostanza Covid 19 .

12.4.12 B'referenza għall-minuti 10.4.11is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil Kunsilliera online dwar il-klassijiet taz-Zumba ġew mħassra minħabba ċirkostanza Covid 19.

12.4.13 B'referenza għall-minuti 10.4.12 is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil Kunsilliera online li l-conversation classes lill-persuni li qed jattendu klassi tal-ħjata organizzata mill-LEAP huma temporanjament sospiżi minħabba ċirkostanza Covid 19.

12.4.14 B'referenza għall-minuti 10.4.14 is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil Kunsilliera online dwar ħsarat fuq it-tabelli tal-Merħba ġew rapportati u għall dak mitlub biex ssir fuq ta'Rue D'Argen se jikkonsulta mal-Bank li jiffinanzja dawn it-tabelli.

12.4.15 B'referenza għall-minuti 10.5.01 is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil Kunsilliera online dwar id-draft finali tal-Bye Law Xorb alkoħoliku bil-lingwa Maltija u Ingliż ġew mgħoddija lid-direttur għall-Gvern Lokali skont artiklu 35.2 tal- Att. Dawn wara jiġu mgħoddija lil Ministru għal-proposti jew approvazzjoni tiegħu.

12.4.16 B'referenza għall-minuti 10.5.02 is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil Kunsilliera online li l-avukat ġie mgħarraf biex jibda jagħmel proposti għall-emendi għal- Bye Law fuq l-użu tal-Iskal biex wara tibda il-konsultazzjoni ma' dawk kollha konċernati skont kif jippermettu ċirkostanzi Covid 19.

Is-Sur Charles Selvaggi qal li ġie mġarraf fuq l-abbużi ta'rimi ta'skart mid-dgħajjes tas-sajd li ġabu l-iskall miżbla u staqsa dwar il-kameras installati.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li tkellem mal-għaqda ta'dgħajjes u tawh dettalji kif dawn il-kameras ikunu hemm aċċess għalihom biss ghad rrid jara x jista' ssir fuq dawn.

12.4.17 B'referenza għall-minuti 10.5.03 is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil Kunsilliera online li flimkien ma' sur Charles Selvaggi raw u jagħmlu konferma li l-istima (2) hija l-aktar vantaġġuża u l-kunsill mexxa biex tiġi nstallat sistema għal- fire alarm fil-binja tal-kunsill.

12.4.18 B'referenza għall-minuti 10.5.04 is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil Kunsilliera online li mexxa b'stima preżentata u għamel applikazzjoni għall- permess neċessarji (RWP1) ma'Transport Malta biex ikun jista' jibda ix-xogħol.

12.4.19 B'referenza għall-minuti 10.5.05 is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil Kunsilliera online li beda il-proċess biex ssir id-draft għas-sejħa b'tender u inġinier intalab biex jieħu ħsieb ifassal il-kriterji mill-aspett tekniku għad-dawl. Filwaqt li l-kuntrattur tad-dawl intalab biex jaħseb għal sistema temporanja ta'dawl bħal flood lights go Misraħ San Guzepp.

Is-Sur Charles Selvaggi staqsa f'hiex jikkonsisti id-dawl temporanju u l-ispiża.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai spjegat li dawn se jkunu sempliċi arbli tal-festa temporanji b'flood lights u dawl mgħoddi minn barra. Filwaqt li l-flood lights wara jkunu jistgħu jintużaw fejn ikun hemm bżonn għall attivitajiet minflok jissellfu jew jinkrew.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li wara li l-inġinier jgħaddi l-kriterji tekniċi għat -Terms of reference jibda l proċess għas-sejħa li ġa hija maħsub fl-estimi finazjarji kurrenti.

12.4.20 B'referenza għall-minuti 10.5.07 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil Kunsilliera online li għada ma' saritx il-laqgħa biex jiġi mfassal il-ftehim ta'manutenzjoni ta' 80 Arblu għal-prezz propost mill-kunsill.

12.4.21 B'referenza għall-minuti 10.5.08 dwar is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil Kunsilliera online dwar il-proġett relatat go Misraħ 5 ta'Ottubru għad ma kienx hemm aktar żviluppi.

12.4.22 B'referenza għall-minuti 10.5.09 is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil Kunsilliera online li beda ix-xogħol fuq l-iskola iżda fil-mument ma hemmx indikazzjoni meta jkun opportun li ssir diskussjoni fuq l-użu regolat fil-parkeġġ tal-iskola .

12.4.23 B'referenza għall-minuti 10.5.11 is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill Kunsilliera online dwar il-laqgħa pubblika li trid tkun saret sal-15 ta'April ġiet mħassra minħabba ċirkostanzi Covid 19.Ir-Rapport amministrattiv 2019 se jkun fl-Aġenda tas-seduta 12.

12.4.24 B'referenza għall-minuti 10.5.12 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil Kunsilliera online dwar Skema 2 / 2019 mir-Reġjun Ċentrali għall għajnuna finanzjarja lill-Għaqdiet fejn l-applikanti ġew mgħarrfa b'rakkomandazzjoni tal-kunsill u l-approvazzjoni tal'Kunsill Reġjun Ċentru skont l-ammont pro rata deċiż.

12.4.25 B'referenza għall-minuti 10.5.13 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil Kunsilliera online li saru l-arranġamenti meħtieġa biex tiżdied it-tisqija bil-bowser minħabba in-nuqqas ta'xita .

12.4.26 B'referenza għall-minuti 10.5.14 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil Kunsilliera online li saru l-arranġamenti meħtieġa dwar servizz ta'bdil ta'bins għall-insulina għad irrid ssir kuntatt biex jinġabru dettalji għall kunsiderazzjoni.

12.4.27 B'referenza għall-minuti 10.5.18 is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil Kunsilliera online li l- M.O.U biex ssir hub ġol-binja tal-kunsill għall ġurnata fil-ġimgħa għadu ma'sarx minħabba li ma kienx possibbli ssir laqgħa f'ċirkostanzi ta'Covid 19.

12.4.28 B'referenza għall-minuti 10.5.19 is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill Kunsilliera online li l-bollard fuq il-bankina viċin l-arblu ta'dawl ma'dawra ta'Triq L. Zamenhof saret.

12.4.29 B'referenza għall-minuti 10.5.20 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil Kunsilliera online dwar ħsarat fuq tyres ta' żewġt vetturi ġo Triq Xatt ta'Xbiex li l-applikanti ġew mgħarrfa bid-deċiżjoni tal-kunsill u ġie aċċettat il-ħlas propost.

12.4.30 B'referenza għall-minuti 10.6.02 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil Kunsilliera online li d-dipartiment ġie mgħarraf bl-approvazzjoni tal-Kunsill lokali l-Imsida għar-rakkomandazzjoni tac-Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Swatar ghal-Performance Bonus għass-Segretarju Eżekuttiv Swatar.

12.4.31 B'referenza għall-minuti 10.4.06 is-Sur Maurice Agius tkellem dwar u staqsa jekk il-Contracts Manager għamilx rapport ta'kull xahar dwar spezzjonijiet li jagħmel.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb u spjega lil kunsilliera online bid-dettalji ta' kif l-ispezzjonijiet qed ikunu rappurtati kulljum u fil-mument b'ritratti jew messaġġi permezz ta' grupp Whatsup apposta skont is-suġġett iżda ma' jsirx rapport miktub ta'kull xahar.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pproponiet biex dak li jkun hemm kull jum wara jista' jmur fuq il- grupp Whatsup tal-kunsilliera biex ikunu mgħarrfa wkoll.
Il-kunsilliera qablu unanimament.

12.4.32 B'referenza għall-minuti 11.4.01 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar il-problema li hemm għall-aċċess tal-garaxxijiet ġol parti li ngħalqet go Triq Achille Ferris fejn spjega li għalkemm jaqbel li jittieħdu prekawzjonijiet u spiċċa l-parkeġġ mit-triq, issa hemm problema akbar għal min għandu garaxx li huma aktar minn 60. Hawn kompla jispjega xi wħud minn dawn is-sidien ilmentaw li ma ħadux avviż u staqsa jekk il-kunsill jistax jikteb lil IM biex jikkunsidraw jagħmlu aċċess żgħir għall- garages biss.

Is-Sur Charles Selvaggi qal li jaqbel mal- prekawzjonijiet neċessarji jekk hemm riskju ta'periklu iżda hemm bżonn li r-residenti jkunu mgħarrfa wkoll u staqsa min bagħat in-nota lir-residenti.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera li Infrastruttura Malta għamlet rapport ieħor inkluż core sampling ta' partijiet mit-triq u jidher li hemm periklu għax kieku mhux se tingħalaq triq għal xejn. Is-Sindku kompliet tispjega li fl-ahhar seduta saret diskussjoni fuq din il-problema u l-kunsill qabel unanimament li jekk il-perit huwa tal-parir li jitneħħa l-parkeġġ minħabba periklu, dan għandu jitneħħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera li l-avviż intbagħat mill-IM ftit wara li l-kunsill kien għarraf li-residenti li se jispiċċa il-parkeġġ minn dik il-parti ta' triq minħabba periklu, filwaqt li għamel nota biex jgħaddi mal-ewwel lil kunsilliera r-risposta tal-IM dwar l-aċċess għall-garaxx.

12.4.33 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi ġodda fuq ix-xogħolijiet tal-iskola
Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li sal-ġurnata għadu ma nbidel xejn u mbagħad tkellem dwar rapporti riċenti li saru mal-kunsill relatati ma theżżiż minħabba xogħol ta' skavi. Fejn spjega li wara li saret verifika ġie mgħarraf li dawn mhux ġejjin mix- xogħolijiet msemmija iżda minn xogħol ta'tindif b'makkinarju ġol- mina għal-kontroll tal- ilma tax-xita li hemm għaddejja minn taħt Msida Circus għal Triq Prinċipessa Margaret u tibqa sejra sa Ta' Xbiex

12.4.34 B'referenza għal- minuti 11.4.02 is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera li tkellmet mal-Perit tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni għal -permessi mill- PA għall- pedestall fejn spjega li għadu qed jistenna mingħand il-perit ta'IM biex jkun jaf jekk hux ser jinbidlu l- livelli tat-triq bil-proġett tal-flyover.

**12.5 Items oħra ta' Xogħol, ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

12.5.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera dwar kif huwa għaddej ix-xogħol fil-kunsill u numru ta'servizzi li ġew temporanjament sospiżi minħabba is-sitwazzjoni Covid 19.

Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk dawk l-items li bħalissa huma sospiżi minħabba din ir-raġuni hux se ssiru aktar il-quddiem meta tiġi lura sitwazzjoni normali .
Is-Segretarju wieġeb li kif ġie spjegat aktar qabel dawn jiddependi x'kienet l-attività jew kif se jiżviluppaw l-affarijiet. Hawn kompla fuq id-dettalji li għaddiet is-Sindku fejn spjega li l-impjegati tal-uffiċju qed jaħdmu ġimgħa maqsuma bejn mid-dar jew l-uffiċju filwaqt li l-ħaddiema l-oħra qed jaħdmu fuq barra go zoni separati fi gruppi. Ma dan qed jiżgura li l-leave annwali jittieħed xorta b'mod proporzjonali biex ma jkunx akkumulat. Hawn kompla jispjega li l-ammont ta' ħlas għal ċitazzjonijiet jew kera naqas xi ftit għax hemm mezzi oħra online kif dawn jistgħu ssiru. Iżda t-talba ta'permessi tal-kunsill xorta baqgħet għaddejja u dawn qed jiġu proċessati mill- impjegati li jkunu fuq telework permezz tal-email u ħlas bl-internet banking jew inkella b'mod normali mill-uffiċju.

12.5.02 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk kienx hemm aktar żviluppi fuq il-proġett tal-promenade go triq Xatt Ta'Xbiex u jekk ix-xogħol ieħor li għandu ssir fuq is-sistema ta' drenaġġ go l-stess triq jistax ssir fl-stess ħin ħalli jiġu evitati ħsarat.

Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li sa fejn huwa nfurmat li l-pjanti tal-promenade huma lesti għat-talba tal-permessi meħtieġa mill-PA.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera li tinsab infurmata li t-tender huwa ġa mgħoti lil kuntrattur barrani. Minħabba Covid 19 u restrizzjonijiet fuq vjaġġi, dan għadu ma ġiex iffirmat. Hawn kompliet tispjega li x-xogħol fuq is-sistema ta'drenaġġ xorta ma'jaffetwax il-promanade għax dan huwa fuq in-naħa l-oħra ta'triq.

12.5.03 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar konferenza web imsejħa mill-AKL fejn ingħataw dettalji għal skema ta' 60,000 euro fondi mill-EUCF bejn dawk il- kunsilli li jixtieqU jagħmlu użu minn dawn għall-installazzjoni fit-toroq ta'apparat li juża enerġija alternattiva. Hawn kompla jispjega li huwa nfurmat li Ta'Xbiex applikaw għall-fondi differenti biex jagħmlu bin solari li jistgħu anke jintużaw bħala avviżi jew riklami elettroniċi. Għalhekk qed jipproponi biex il-kunsill jara il-possibilità biex ssir xi haġa simili.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li minn esperjenzi tal-passat minn l-apparat solari għanda ftit riservi iżda xorta il-kunsill jista' jipprova jara x'hemm fis-suq biex napplikaw għall-iskema.

Il-kunsilliera qablu li jinġabru stimi fuq dawn il-bins jew alternattivi oħra biex jiġu proposti skond l-iskema.
Is-Segretarju Eżekuttiv għamel nota u se jkellem lis-Segretarju Eżekuttiv Ta'Xbiex ħalli jiġbor aktar dettalji u jara x jista' ssir.

12.5.04 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar xogħol siewi li qed jagħmlu grupp ta'ħaddiema barranin li qed jagħmlu xogħol ta'tindif għall-kunsill f'isem kumpanija privata li offriet is-servizzi tagħha mingħajr ħlas sakemm jibqgħu l-miżuri Covid 19.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ikkonfermat li qal is-Sur Alfred Farrugia u qalet li ġa tellgħet apprezzament u numru ta'ritratti fuq il-paġna FB tal-kunsill.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal li se jagħmel ittra uffiċjali biex jirringrazzja lill kumpanija konċernata.

12.5.06 Is-Sur Alfred Farrugia xtaq jerġa jiġbed l-attenzjoni dwar l-arblu tad- dawl go Triq L.Zamenhof.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kif ġa spjega f'seduta oħra il-kunsill ġa nstalla il-bozza. Fil-mument għadu qed jibgħat lil entita konċernata biex jiġu u jaqbdu is-servizz ta' dawl.

**12.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti.**

12.6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv bagħat koppji tal- 1st Qtr : Financial indicators 1 ta'Jannar sa 31ta' Marzu 2020 li jittieħdu bħal moqrija .
L-Accountant is-Sinjura Romina Perici Ferrante għamlet spjegazzjoni tar-rapport fejn qalet li l-Kunsill Lokali għalaq dan il-perjodu finanzjarju b'bilanċ pożittiv ta' 43% jew 287,770 euro li jirrifletti il-qagħda finanzjarja stabbli tal-kunsill minkejja li seta' kien hemm xi tnaqqis fl-attività ta'rutina minn ċitazzjonijiet, kera jew permessi li joħroġ il-kunsill, u wieġbet fid-dettal għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera preżenti.

12.6.02 Is-Segretarju Eżekuttiv bagħat koppji li jitieħdu bħal moqrija, tar-rapport ta' ħidma tal- kunsill matul is-sena 2019 li kellu jkun preżentat waqt il-laqgħa pubblika li ma setgħetx tissejjah minħabba il-miżuri Covid 19.

**12.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

12.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K8-12 ta' ħlasijiet bejn Is-24 ta'Marzu 2019 sa' 27 ta'April 2020 għall-approvazzjoni tal-Membri.
Is-sur Maurice Agius ġibed l-attenzjoni fuq żewġt items relatati ma' xogħol ta' bankini ta' rampi go Triq D'Argens u Triq it-Tabib Robert Naudi li kien hemm bżonn jiġi rranġat mill-kuntrattur għax sar ħażin u talab biex dawn ma jitħallsux.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li go Triq D'Argens huwa xogħol ta' alterazzjoni mitlub mill-kunsill fuq il-pedestrian crossing filwaqt li se jerġa jivverifika fuq dak li sar Triq it-Tabib Naudi. Hawn kompla jispjega li dawn u oħrajn bħalhom għalkemm ġew preżentati xorta għadhom mhux se jitħallsu qabel il-kuntrattur jirregola xi affarijiet mal- kunsill.

Il-kunsilliera ddiskutew u qablu unanimament li sakemm ma jkunx ġustifikat mod ieħor dawn imsemmija ma jitħallsux.

L-iskeda ġiet proposta, mis-Sur Alfred Farrugia u s-sekondat mis-Sur Sur Nicholas Joseph Chircop.
Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw unanimament

**12.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

12.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-7:00 ta' filgħaxija, u data għas-seduta li jmiss se tkun it-Tnejn 25 ta'Mejju 2020 fil-5:30 p.m

Minuti konfermati, illum 28 ta' Mejju 2020

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |